**TRIBUNAL INDUSTRJALI**

**DECIZJONI NUMRU 2568**

**Kaz Numru 2663/GV**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Priscilla Falzon (ID 17579M)**

**u**

**Maltapost plc**

*dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta*

Illum 8 ta' Jannar, 2019

**Chairman: Dr. Geoffrey Vella B.A. LL.D**

## Introduzzjoni

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrijali, kif diversament ippresedut, permezz ta' rikorsipprezentat minn Dottor Lydia Abela ghan-nom tar-rikorrenti, Priscilla Falzon, fir-Registru Superjuri, fit-13 ta' Frar, 2009. Illi r-rikorrenti qieghda ssostni li t-tkeccija taghha kienet ingusta u ma saritx ghal raguni tajba u sufficjenti fil-ligi. In oltre, r-rikorrenti tablet li tigi *reinstated in status quo ante* fl-impjieg taghha, bid-drittijiet kollha taghha, u f'kaz li t-Tribunal ma jordnax r-*reinstatment* taghha fl-imsemmi mpjieg, it-Tribunal jordna l-hlas ta' kumpens xieraq u adegwat kif jigi ffissat mill-istess Tribunal.

Illi mill-banda l-ohra s-socjeta` ntimata, Maltapost p.l.c irribattiet dak riportat fir-rikors tar-rikorrenti, permezz ta' stqarrija tal-kaz datata 16 ta' Marzu, 2009, fejn sostniet li t-tkeccija saret ghal raguni tajba u sufficjenti skont il-ligi.

It-Tribunal, ha konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz u dan kif gie lilu pprezenatat mill-partijiet kontendenti. Illi t-Tribunal zamm ghoxrin (20) seduta b'kollox fejn instemghu x-xhieda mressqa miz-zewg partijiet, u, in oltre, l-istess Tribunal evalwa l-provi mressqa quddiemu flimkien mad-dokumenti pprezentati mill-kontendenti partijiet.

Di piu', saret trattazzjoni miz-zewg difensuri tal-partijiet, u ta' dan, l-istess Tribunal ha in konsiderazzjoni l-istess argumenti kif ipprezentati fit-trattazzjoni finali ta' l-istess difensuri. In oltre, ma kienx possibbli li dan it-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz fi zmien xahar kif stipulat fil-ligi u dan stante l-limitazzjonijiet ta' facilitajiet amministrattivi, tlett bidliet fic-*Chairpersons* u kif ukoll

minhabba d-diversi talbiet ta' differimenti u in oltre, l-istess kaz kellu jmur *sine die* u dan sakemm giet deciza l-kawza kriminali li kien hemm pendenti bejn il-partijiet.

Illi, r-rikorrenti kienet rapprezentata mill-Avukati Dr. Robert Abela u Dr. Lydia Abela, mentri s-socjeta` ntimata kienet rapprezentata mill-Avukat Dr. Andrew Borg Cardona.

## Il-Fatti fil-Qosor tal-Kaz in dezamina.

Illi r-rikorrenti kienet ilha mpjegata mas-socjeta` ntimata, bhala *post-woman,* min-Novembru tas-sena elf disa' mija seba' u disghin (1997) fuq kuntratt ndefinit. Illi fit-tletin ta' Gunju elfejn u tmienja (30/06/2008) ghall-habta tat-tlieta ta' wara nofsinhar (15.00), meta r-rikorrenti kienet xoghol bit-tqassim tal-posta fil-Mosta, l-istess rikorrenti hasset ugiegh f'irkoppitha x-xellugija u b'konsegwenza t'hekk ma setghetx tkompli timxi.

Illi, r-rikorrenti cemplet fl-ufficcju tas-socjeta` ntimata u dan sabiex tinfurmahom bl-akkadut, izda hadd ma rrisponda t-telefonata taghha. Illi r-rikorrenti cemplet ukoll lis-Senior Administrator, is-sur David Gray, liema telefonata rrizultat ukoll fin-negattiv. Illi r-rikorrenti kellha maghha 25 ittra li kienu ghadhom ma tqassmux minnha. Minhabba f'hekk ir-rikorrenti cemplet lil missierha sabiex imur ghaliha fejn l-istess rikorrenti marret ghand it-tabib, Dr.Michael Farrugia M.D. (M.P.). L-imsemmi tabib ordna lir-rikorrenti sabiex tibqa' mistrieha u kif ukoll irriliaxxa certifikat mediku datat 30 ta' Gunju, 2008 (DOK 'PF 01/09).

Illi fl-1 ta' Lulju, 2008, ir-rikorrenti regghet dahlet ghax-xoghol u hadet maghha l-25 ittra li ma kienux tqassmu minnha dakinhar tal-25 ta' Gunju, 2008, ossia l-gurnata li fiha sehh l-imsemmi incident. Illi waqt li r-rikorrenti kienet qieghda taghmel l-issortjar ta' l-ittri ghal habta ta' 8.30 a.m. r-rikorrenti hasset l-istess ugiegh li hasset dakinhar ta' l-incident fejn irkoppitha regghet illokkjat u b'kagun t'hekk waqghet fuq xi trays li kien hemm ma' l-art. In oltre, dakinhar ta' l-imsemmi ncident ir-rikorrenti hargilha d-demm mill-parti taghha.

Illi sussegwentement ir-rikorrenti ttiehdet l-isptar Mater Dei minn fuq il-post tax-xoghol. Ir-rikorrenti damet indisposta fuq *injury leave* mill-1 ta' Lujlu, 2008, sat-13 ta' Lulju, 2008. Illi r-rikorrenti, permezz t'ittra mibghuta minn Ms. Stefania Camilleri, Human Resources Manager, datata 22 ta' Settembru, 2008, giet mgharrfa li kellha tidher quddiem il-Bord tad-Dixxiplina fl-24 ta' Settembru, 2008 (Dok. PF 02/09).

Illi r-rikorrenti attendiet ghal *disciplinary interview* quddiem il-Human Resources Manager, Stefania Camilleri u l-Assistant Manager Adrian Camilleri fl-1 t'Ottubru, 2008, u dan peress li s-seduta tal-24 ta' Settembru kienet giet posposta ghal din id-data imsemmija.

Illi fis-7 t'Ottubru, 2008, ir-rikorrenti kienet infurmatha permezz t'ittra mibghuta mill-Ufficjal Kap Ezekuttiv (C.E.O.) tal-Maltapost p.l.c., Jospeh Gafa`, li l-impjieg taghha kien qieghed jigi tterminat b'effett mis-7 t'Ottubru, 2008, u dan peress li m'osservatx dak li jistipula l-*Code of Behaviour of the Collective Agreement* (Dok. PF 03/09).

Ir-rikorrenti appellat minn din id-decizjoni tal-Bord tad-Dixxiplina (DOK.PF04/09) u sussegwentement permezz t'ittra ohra, datata 2 ta' Dicembru, 2009, ir-rikorrenti giet infurmatha li l-Appell taghha ma kienx gie milqugh u ghalhekk it-terminazzjoni taghha kienet se tibqa' fis-sehh sa mis-7 ta' Ottubru 2008 (Dok. PF05/09).

Illi ghal dawn ir-ragunijiet ir-rikorrenti ntavolat din l-odjerna kawza ta' tkeccija ngusta fejn talbet li tigi *reinstated in status quo ante* fl-impieg li kellha jew li tinghata kumpens xieraq minn dan it-Tribunal.

## Xhieda Prodotti f'din il-Kwistjoni tax-Xoghol

Illi f'din il-kwistjoni tax-xoghol tharrku diversi xhieda fosthom dirigenti tas-socjeta` ntimata, haddiema, tobba u specjalista u kif ukoll qraba tar-rikorrenti.

Illi fis-seduta tal-4 ta' Mejju, 2009, xehdet il-Human Resousrces Manager, Stefania Camilleri, fejn wiegbet ghad-domandi tal-avukat Dr. A. Zammit Apap li kien fl-imsemmija seduta kien qieghed jirraprezenta lis-socjeta` ntimata u kif ukoll domandi in kontro-ezami ta' Dr. Lydia Abela.

Ix-xhud spjegat kif ir-rikorrent kienet kisret il-gurament ai termini tal-Att dwar is-Servizz Postali (Kap 254) u kif ukoll il-ftehim kollettiv. Ms. Camilleri sostniet li kienet irceviet rapport minghand is-*supervisors* li fl-1 tal-Lulju ,2008, ir-rikorrenti kellha ncident u li r-rikorrenti kienet harget mill-post tax-xoghol u li haddiema tal-posta kienu sabu fir-*rack* taghha numru t'ittri mhux imqassma, liema ittri kellhom jitqassmu mir-rikorrenti fil-granet ta' qabel[1].

Din ix-xhud kompliet tispjega li kif jitqassam ix-xoghol u cioe` bis-sistema ta' J+1, ossia x-xoghol li jidhol f'dik il-gurnata partikolari kellu jitqassam l-ghada. F'kaz li dan ma jsirx il-persuna responsabbli li kellha tqassmu kienet obbligata li tinforma lis-superjuri taghha u dan sabiex jitqassam minn xi hadd iehor. In oltre kellha tinghata r-raguni ghaliex ix-xoghol ma kienx tqassam.

Ix-xhud semmiet li f'dan il-kaz kien hemm madwar 25 ittra li ma tqassmux mir-rikorrenti u li ma nghatat l-ebda spjegazzjoni mill-istess rikorrenti ghaliex ma tqassmux. Ix-xhud sostniet li meta jsir hekk dak il-pustier ghandu jinforma b'mod immedjat lil ta' fuqu u dan billi jcempel u f'kaz li ma jaqbadx permezz ta' SMS. Ms. Camilleri sahqet li dan huwa l-obbligu ta' kull pustier li jara li x-xoghol li ma jkunx tqassam li jinforma lis-superjuri u dan sabiex dan ix-xoghol jitqassam minn pustier iehor u f'kaz li ma jkun hemm hadd li jkun jista' jqassam ix-xoghol, dan jitqassam mis-supervisor jew addirittura l-manager, u dan peress li l-Maltapsot hija marbuta mall-istandrads ta' kwalita`. Ix-xhud semmiet li jekk ma jsirx hekk hemm ukoll penali u li meta jsir hekk tidhol il-Pulizija sabiex tinvestiga u dan stante li jkun hemm ksur ta' Kap 254. In oltre, l-istess Maltapost tiehu passi dixxiplinarji kontra l-impjegat li jkun naqas minn dmiru[2].

---

[1] Seduta 4 ta' Mejju 2009 – Xhieda ta' Stefania Camilleri.

[2] Seduta 4 ta' Mejju 2009 - Xhieda ta' Stefania Camilleri.

Illi ghad-domanda jekk ir-rikorrenti kinitx infurmat lis-superjuri taghha li hija ma kinitx qasmet l-ittri, x-xhud qalet li l-ittri datati 27 u 28 ta' Gunju ma kienux tqassmu meta dawn kellhom jitqassmu l-ghada. Ix-xhud kompliet issostni li dawn l-ittri nstabu fir-*rack* tar-rikorrenti meta kellha l-incident fl-1 ta' Lulju, 2008, u ghalhekk, skont ix-xhud, ir-rikorrenti ma kinitx ikkuntattjat lil hadd.

Ix-xhud sostniet li t-tkeccija tar-rikorrenti saret a bazi tal-fatt li hija kisret il-gurament taghha tal-posta. Ix-xhud sahqet li l-gurament jinkiser, addirittura, jekk ma titqassamx ittra wahda u dan peress li johloq dewmien. Ms. Camilleri qalet li l-gurament jghid li m'ghandux isir dewmien.

L-istess xhud wiegbet ukoll ghad-domandi in kontro-ezami ta' Dr. Lydia Abela fejn ix-xhud wiegbet ghad-domanda dwar id-durata ta' l-impieg tar-rikorrenti mas-socjeta` ntimata, u li rrizulta li r-rikorrenti kien ilha mpjegata mall-Maltapost p.l.c. minn Novembru tas-sena 1997. In oltre, x-xhud irrilevat li r-rikorrenti qatt ma kellha problemi kbar, hlief li darba kienet kisret procedura ta' *sick leave*, izda xejn kbir.

Ix-xhud, ghad-domanda jekk fil-granet msemmija li fihom ir-rikorrenti kisret il-gurament l-istess rikorrenti kinitx xoghol, ix-xhud qalet li kellha ticcekkja. Ix-xhud sostniet li jekk ir-rikorrenti kienet *leave* xorta kellha l-obbligu li tinforma lis-superjuri taghha li kien hemm ittri li ma kinux tqassmu[3].

Illi fis-seduta tat-18 ta' Mejju, 2009, l-istess xhud, ossia Stefania Camilleri, kkonfermat li fid-data tas-27 ta' Gunju, 2008, ir-rikorrenti kienet bil-*leave*. Ix-xhud spejgat li l-ittri jkunu gew ittimbrati bid-data ta' meta jkunu ngabru mil-*letter box* u jigu ttimbrati fic-*central mail room* fil-*Head Office*. Ix-xhud kompliet tispjega li l-ghada, u cioe` 28 ta' Gunju, l-ittra tmur il-*hub* biex titqassam mill-pustiera. Ms. Camilleri sostniet li r-rikorrenti kienet xoghol fil-gurnata tat-28 ta' Gunju, 2008, gewwa l-*hub*[4].

F'din is-seduta xehdet ukoll Rosaria Abela li hija *Assistant Manager* fl-operat ta' San Gwann u fin-*North Hub*. Din ix-xhud ikkonfermat li r-rikorrenti tahdem fl-area taghha u cioe` dik tal-Mosta. Ms. Abela spjegat il-mod kif ittra tingabar u titqassam u sostniet li meta ittra tingabar din tigi ttimbrata bid-data ta' dik il-gurnata li tkun ingabret, u cioe` li jekk ingabret illum tkun ittimbrata bid-data tal-lum. L-ghada l-ittra tkun fil-*hub* biex tigi mqassma mill-pustiera. Din ix-xhud ikkonfermat li suppost ittra titqassam l-ghada bis-sitema ta' J+1. Din ix-xhud spjegat ukoll li kienu sabu ittri li kienu ilhom fuq ir-*rack*, liema *rack* kien ghal rotta partikolari[5].

Rosaria Abela sostniet li kien inqala` ncident fejn kienet wegghet ir-rikorrenti u hija kellha tigbor lir-rikorrenti u haditha l-isptar. Ix-xhud ikkonfermat li kienet wegghet gewwa u cioe` fil-*hub* meta kien ghadu jsir is-*sorting* ta' l-ittri. Ix-xhud sostniet li dan gara fl-1 ta' Lulju, 2008, u l-gurnata kienet it-Tlieta. Din ix-xhud kompliet tispjega li meta kienet l-isptar hija kellha titlaq peress li kienu sabu l-ittri fuq ir-*rack* relatat mall-MST 09 u li dan ir-*rack* kien assenjat lir-rikorrenti.

---

[3] Ibid.

[4] Seduta 18 ta' Mejju 2009 – Xhieda ta' Stefania Camilleri

[5] Seduta 18 ta' Mejju 2009 – Xhieda ta' Rosaria Abela.

In oltre, din ix-xhud semmiet ukoll li l-maggior parti ta' l-ittri kienu datati t-28 ta' Gunju, 2008, u wahda 27 ta' Gunju. Ix-xhud sostniet li r-rikorrenti kienet harget fuq dik ir-rotta l-gurnata ta' qabel, izda fl-1 ta' Lulju ma kinitx harget peress li kienet wegghet. Ix-xhud qalet li t-28 ta' Gunju kien is-Sibt u ghalhekk l-ittri kellhom jitqassmu fil-gurnata tat-Tnejn. Ms. Abela sostniet li dawn l-ittri datati 28 ta' Gunju zgur li ma kinux tqassmu u dan peress li kienu nstabu fir-*rack*. Ix-xhud ikkonfermat li dawn kienu l-unici ittri li hi kienet involuta fihom u kif ukoll li kienet irrappurtat dwarhom. In oltre din ix-xhud ma kinitx certa jekk fil-granet tas-27, 28 u 30 ta' Gunju, 2008, ir-rikorrenti kinitx xoghol u ghalhekk riedet ticcekkja r-*records*[6].

In oltre, x-xhud kompliet tixhed fejn stqarret li Ms. Falzon kienet damet gimghatejn ma tmurx ghax-xoghol pero` ma kinitx taf jekk kinitx bl-*injury leave* jew *sick leave.* Ghad-domanda tal-avukat tas-Socjeta` ntimata jekk kinux kellmu lir-rikorrenti dwar l-ittri mhux imqassma, x-xhud wiegbet li kienu kellmu lir-rikorrenti. In oltre, ziedet tghid li r-rikorrenti kienet saqsietha x'kien se jigri u li l-istess rikorrenti kienet qaltilha li dakinhar kellha hafna kontijiet xi tqassam u kif ukoll li kellha x'taqsam ma' *beat* iehor peress li kien hemm pustiera bis-*sick leave.*

Ms. Abela sostniet li r-rikorrenti kellha tihallas xi *overtime* tal-passat u li kien ghadha ma thallsitx tieghu. Ix-xhud sostniet li r-rikorrenti dehrilha li ladarba ma kinitx thallset ghal dan l-overtime ma kellhiex ghalfejn tahdem iz-zejjed. Ghalhekk kienet qasmet ix-xoghol li kellha li kien jinvolvi hafna kontijiet u sussegwentment waqfet ghaliex kien bizzejjed.

Illi x-xhud ikkonfermat li din il-konverzazzjoni bejnha u r-rikorrenti kienet sehhet wara lir-rikorrenti dahlet mill-*injury leave*. In oltre, xehdet ukoll li kemm damet mar-rikorrenti l-isptar, dakinhar ta' l-incident, ir-rikorrenti qatt ma semmiet xejn maghha dwar l-ittri li kienu thallew fil-*hub*. Ix-xhud regghet ikkonfermat li l-unika konversazzjoni li kellhom dwar dawn l-ittri kien meta r-rikorrenti rritornat mill-*injury leave* u kif ukoll li semmiet il-kwisjoni tal-*overtime* mhux imhallas. In oltre, ix-xhud sostniet li r-rikorrenti qatt ma semmiet maghha li kellha xi problemi jew duffikultajiet ohra.

Din ix-xhud semmiet ukoll li kienet hejjiet rapport dwar dan l-incident u li kien gie pprezentat fil-proceduri ta' dixxiplina li kienu saru mis-socjeta` ntimata kontra r-rikorrenti. In oltre, in kontro-ezami, gie rilevat minn Ms. Abela li kienet hi li hadet lir-rikorrenti l-isptar Mater Dei dakinhar ta' l-incident u baqghet maghha l-isptar[7].

Ix-xhud tghid li huma tkellmu fuq diversi affarijiet pero' kienu pjuttost frivoli izda ma tiftakarx li tkellmu fuq xoghol. Ix-xhud ftakret li kienet marret ghar-rikorrenti minn San Gwann dakinhar ta' l-incident u cioe` meta waqghu it-*trays* fuq ir-rikorrenti. In oltre, x-xhud sostniet li kienet marret hi ghax is-superjuri taghha kienu nfurmawha li ahjar tmur hi peress li r-rikorrenti kienet rat xi demm u jkun ahjar li jkun hemm mara mar-rikorrenti.

---

[6] Seduta 18 ta' Mejju 2009 – Xhieda ta' Rosaria Abela.
[7] Ibid.

Din ix-xhud wiegbet ghad-domandi tal-avukat tar-rikorrenti dwar id-dati ta' l-ittri li ma kinux tqassmu mir-rikorrenti, liema dati kienu 28 ta' Gunju u li kien hemm 24 ittra li kellhom jitqassmu fit-30 ta' Gunju u ohra tas-27 ta' Gunju li kellha titqassam l-ghada ossia 28 ta' Gunju.

Ix-xhud sostniet li t-Tnejn 30 ta' Gunju hi ma kinitx taf b'dak li kien gara lir-rikorrenti u dan ghax ma kinitx infurmatha ghalkemm meta kien jinqala' xi haga kienu jcemplu. In oltre, x-xhud sostniet li lilha hadd ma baghtilha certifikati medici tar-rikorrenti. In oltre x-xhud spiccat il-kontro-ezami billi sostniet li hi qatt ma kellha problemi max-xhud u kif ukoll li lanqas qatt tat xi twissija (*warning*) lill-istess rikorrenti[8].

Fis-seduta tat-2 ta' Novembru, 2009, xehed is-Sur David Gray li kien jokkupa l-kariga ta' *Senior Adminstartor* mas-socjeta` Maltapost p.l.c. Is-Sur Gray spjega li fil-perjodu tal-incident mertu ta' din il-kwistjoni tax-xoghol kien stazzjonat fil-*hub* ta' Hal Lija. Ix-xhud spjega ukoll li xogholu kien li josserva li x-xoghol ikun miexi sew, li jiddelega x-xoghol lill-pustiera u li johrog ix-xoghol sew[9].

Dan ix-xhud sostna li r-rikorrenti kienet taqa' taht ir-responsabbilta` tieghu peress kienet fejn kien stazzjonat hu. Ix-xhud ikkonferma li kien ghamel ir-rapport peress li kien sab xi ittra li ma kinux tqassmu fil-hin, liema ittri sabhom fl-*istation* tar-rikorrenti. Ix-xhud spjega s-sistema tat-tqassim tal-ittri u cioe` s-sistema tal-J+1.

Ix-xhud kompla jixhed fejn sostna li kien hemm madwar 25 ittra mhux imqassma u li ma kienx kellem lir-rikorrenti mill-ewwel fuq hekk. Ix-xhud irrileva li hu kien ghamel kuntatt ma' Ms. Rose Abela dwar dak li kien sab. In oltre x-xhud sostna li r-rikorrenti ma kinitx ghamlet kuntatt mieghu dwar l-incident li gralha meta kienet fuq ir-rotta. Ix-xhud baqa' jsostni li hu qatt ma rcieva xejn minghand ir-rikorrenti, l-ebda tip ta' kommunikazzjoni u lanqas certifikat mediku.

Is-Sur Gary sostna li meta jinqala` xi ncident lil xi pustier li jkun fuq barra waqt il-qadi ta' dmirijietu, generalment jiddelega x-xoghol lill-pustier iehor sabiex jitqassam ix-xoghol tal-gurnata u li normalment ikun infurmat b'dak li jkun gara, ossia l-incident li jkun sehh lill-pustier. In oltre, x-xhud irrileva li r-rapport kien gie ffirmat minnu u mill-Assistant Manager Ms. Rose Abela[10].

Ix-xhud wiegeb ukoll ghad-domandi in kontro-ezami tal-konsulent legali tar-rikorrenti fejn gie mistoqsi x'jigri meta jkun sehh incident lil xi pustier u l-ittri ma jkunux tqassmu. Ghal din id-domanda x-xhud wiegeb li jekk pustier ikollu ncident u jkun ikkomunika mieghu dan ma jitkecciex mill-impjieg. Ix-xhud spjega li l-pustier jiehu l-*injury on duty* u x-xoghol jitqassam minn pustier iehor.

Ix-xhud spjega li hu qatt ma kien infurmat b'dak li kien gara mir-rikorrenti izda mill-banda l-ohra x-xhud sostna li hu ma kienx jaf ghalfejn ma kinux tqassmu l-ittri u kif ukoll ma kienx jaf mill-ewwel x'gara lir-rikorrenti. Sar jaf x'gara lir-rikorrenti biss wara u dan sahansitra wara li kien tlesta

[8] Seduta 18 ta' Mejju 2009 – Xhieda in kontro-ezami ta' Rosaria Abela.
[9] Seduta 2 ta' Novembru 2009 – Xhieda ta' David Gray.
[10] Ibid.

r-rapport. In oltre, x-xhud sostna li r-rikorrenti ma kinietx tkellmet mieghu dwar l-incident taghha u cioe` meta sehh l-incident meta kienet [11]qieghda tqassam l-ittri.

Ix-xhud baqa' jsostni li kien sar jaf bl-incident minghand is-superjuri tieghu. In oltre baqa' jsostni li ma kienx sab ebda *missed calls* jew messaggi minghand ir-rikorrenti dakinhar tal-incident. In oltre, ghad-domanda jekk kienx wiegeb it-telefon tal-ufficcju f'dik id-data tal-incident, x-xhud wiegeb li kieku saret xi telefonata waqt il-hin tax-xoghol ma kienx hemm raguni ghalxiex ma jirrispondiex[12].

Di piu', x-xhud sostna li ma jafx jekk it-telefonati tal-kumpanija Maltapost p.l.c. jigux rekordjati u ghalhekk ma jeskludiex il-fatt li r-rikorrenti setghet cemplet dakinhar tal-incident. In oltre l-istess xhud sostna li hu jkun fuq il-post tax-xoghol fis-sitta u nofs ta' filghodu (6.30 a.m.) u li dakinhar tal-incident tal-ewwel ta' Lulju, fejn ir-rikorrenti kienet waqghet fuq it-*trays,* kien sehh bejn is-sebgha u tmienja u nofs ta' filghodu (7.00 a.m.- 8.00 a.m.). Ix-xhud spjega li r-rikorrenti ma kinitx infurmatu dwar dan l-incident.

Ix-xhud irrileva li meta hu kien jaf b'dan l-incident kien avza lis-superjura tieghu u cioe` lis-supervisor, Ms. Abela, skont il-procedura u li kienet l-istess persuna li akkumpanjat lir-rikorrenti l-isptar. Ix-xhud ghad-domanda, jekk il-kliem li kien hemm fir-rapport, "*when Priscilla Falzon returned from her injury on the 13th July I asked her the reason…*", x-xhud wiegeb li "I" kienet Rose Abela u li dan kollu sar jafu minghad l-istess Rose Abela[13].

Ix-xhud stqarr ukoll li jekk kienu ghaddew xi certifikati medici dawn kien ghaddiehom u ma jiftakarx li kien rahom. In oltre, x-xhud sostna li hu ma jifformax parti mill-process dixxiplinarju u li jkun biss xhud jekk ikun il-kaz.

In kontro-ezami ghad-domandi tad-difensur tar-rikorrenti x-xhud wiegeb li ma kienx hu li pprepara r-rapport, izda l-estratt fejn hemm il-kwistjoni tal-ittri misjuba biss hija miktuba minnu u dan peress li x-xhud gharaf il-kaligrafija tieghu[14].

Ix-xhud sostna li dik il-parti tar-rapport fejn hemm riportat "*when Priscilla Falzon returned from her injury on the 13th July I asked her the reason why she did not deliver the above-mentioned mail. She admitted that on that day she had received a lot of bills*", hu ma kienx sema' lir-rikorrenti tghid hekk[15].

Ix-xhud ikkonferma li kienet Ms. Rose Abela li hejjiet ir-rapport, izda sostna li fejn kien hemm id-data tal-1 ta' Lulju u cioe` d-data li r-rikorrenti kienet wegghet, dan il-paragrafu kien kitbu x-xhud. In oltre, ghad-domandi tad-difensur tas-Socejta` ntimata, in ri-ezami, x-xhud ikkonferma ukoll li

[11] Seduta 2 ta' Novembru 2009 – Xhieda ta' David Gray.
[12] Ibid.
[13] Ibid.
[14] Seduta 2 ta' Novembru 2009 – Xhieda in kontro-ezami ta' David Gray
[15] Ibid.

l-mazz tal-ittri li nstabu kienu jaf bihom hu personalment. Ix-xhud ikkonferma ukoll li l-lista li kien hemm mar-rapport (Dok. 'DG1) kien ghamilha hu u dan peress li l-kaligrafija kienet tieghu[16].

Fis-seduta tal-11 ta' Jannar, 2010, xehed l-Ufficjal Kap Ezekuttiv (C.E.O.) ta' dak il-perjodu, s-Sur Joseph Gafa`. Dan ix-xhud spjega r-raguni il-ghaliex tkecciet ir-rikorrenti fejn sostna li l-gurament li hadet ir-rikorrenti f' Novembru 1997, meta hi giet ingaggata bhala pustiera, kien jitkellem car bizzejjed u li l-kawza tat-tkeccija taghha kien propju rigward il-ksur ta' dan il-gurament u kif ukoll skont il-ftehim kollettiv tas-Socjeta` ntimata[17].

In oltre, dan ix-xhud spjega li l-konsegwenzi tal-gurament ta' pustier u kif ukoll il-ftehim kollettiv, li jissejjah '*standard operating procedures*' u li kull haddiem mall-posta jaf bihom peress li ffirmaw inkluz l-istess rikorrenti. Illi dan ix-xhud insista li kull pustier jaf l-obbligi tieghu u dan peress li addirittura saru posters fejn jahdmu u dan sabiex kulhadd ikun konxju tal-obbligi tieghu jew taghha.

Ix-xhud, is-Sur Joseph Gafa` sostna li b'dan il-kaz hu sar jaf peremzz tal-ittra li rcieva minghand Ms. Rose Abela u David Gray fejn ir-rikorrenti qatt ma kienet qalet lil hadd dwar dik il-gurnata partikolari jew tat xi raguni il-ghaliex ma setghetx tqassam l-ittri li kellhom jitqassmu minnha[18].

Dan ix-xhud irrileva li waqt il-process ta' dixxiplina r-rikorrenti kienet assistita minn ufficjal tal-U.H.M., u cioe` s-segretarju tat-taqsima, s-Sur Josef Vella. In oltre, skont dan ix-xhud, il-fatt li ma tqassmux l-ittri ma gewx ikkontestati, izda kienu pprezentati zewg certifikati medici waqt il-process ta' dixxilplina li nzamm fl-1 t'Ottubru, 2008. In oltre, dawn ic-certifikati medici kienu jkopru d-dati tal-incident tar-rikorrenti u cioe` f'Gunju 2008[19].

Ix-xhud qal li meta r-rikorrenti kienet waqghet fil-*hub*, u dan ghax kien hemm maduma ticcaqlaq, kienu s-supervisors li haduha l-isptar. In oltre, l-istess rikorrenti ma kienet tkellmet ma' hadd dwar dak li gralha meta kienet fuq il-*beat* taghha. Ix-xhud sahaq li l-ittri li ma kinux tqassmu mir-rikorrenti ma kinux mmarkati kif normalment jigri. Ix-xhud baqa' jsostni li r-rikorrenti ma kienet qalet xejn lil hadd dwar dan kollu. Kien wara li r-rikorrenti giet lura mill-injury li kienu jafu x'gara[20].

Ix-xhud spjega li kien ha in konsiderazzjoni l-fatti kollha qabel iddecieda li jittermina l-impieg tar-rikorrenti. Ix-xhud qal li ha in konsiderazzjoni li r-rikorrenti kienet ilha mpjegata mas-Socjeta` ntimata u li messha kienet taf x'inhi l-procedura meta jigri dak li gara lilha. In oltre, x-xhud ikkonsidra dak li kien hemm stipulat fil-ftehim kollettiv u li hu kellu l-obbligu li jirraporta ukoll lill-Pulizija u lill-Awtorita tal-Kommunikazzjoni.

---

[16] Seduta 2 ta' Novembru 2009 – Xhieda in ri-ezami ta' David Gray.

[17] Seduta 11 ta' Jannar 2010 – Xhieda ta' Joseph Gafa`.

[18] Ibid.

[19] Ibid.

[20] Ibid.

Ix-xhud semma' wkoll li kien hemm appell li kien sar mill-P.S.E.U. u ghar-rikorrenti kien deher is-Sur Karmenu Vella. L-appell kien ikkonferma d-decizjoni ai termini tal-ftehim kollettiv.

Ix-xhud in kontro-ezami tas-sur Karmenu Vella, u li fl-imsemmija seduta quddiem dan it-Tribunal kien assista lir-rikorrenti, qal li l-incident tat-30 ta' Gunju ma kinux jafu bih, izda kien jaf li r-rikorrenti kellha ncident iehor l-ghada. In oltre, x-xhud ma kienx cert dwar x'hin sehh l-incident pero` sostna li kien sehh kmieni filghodu qabel ir-rikorrenti tohrog tqassam l-ittri. Ix-xhud kompla jsostni li r-rikorrenti ma kienet infurmat lil hadd dwar l-incident li kellha u li l-ittri ma kinux tqassmu minnha. In oltre, sahaq li c-certifikati medici kienu hargu waqt il-process tad-dixxiplina[21].

Ix-xhud Joseph Gafa` sostna meta harget l-ittra ta' tkeccija tar-rikorrenti l-istess rikorrenti kienet dehret quddiem il-Bord tad-Dixxiplina u kif ukoll kienet assista mill-*Union* taghha waqt dawn il-proceduri quddiem il-Bord tad-Dixxiplina. Dan ix-xhud ma kienx jaf iwiegeb wara kemm granet r-rikorrenti kienet dahlet lura mill-injury.

Ix-xhud spjega li r-rikorrenti l-ewwel kienet asista mill-U.H.M. u wara mill-G.W.U. u kif ukoll mill-Union tas-Sur Karmenu Vella P.S.E.U. In oltre, d-decizjoni ta' tkeccija kienet giet appellata. Ix-xhud sostna li hu jiddubita mic-certifikati medici peress li dawn gewipprezentati waqt il-process ta' dixxiplina u mhux meta r-rikorrenti rritornat ghax-xoghol.

Ix-xhud kompla jsostni li r-rikorrenti kellha l-obbligu li tinforma lis-superjuri taghha b'dak li kien gralha. In oltre, dan ix-xhud spjega li kien sar rapporta lill-Pulizija u li l-istess Pulizija kienu interrogaw lir-rikorrenti izda ma kienx jaf jekk kinitx tressqet il-Qorti. Illi gie rilevat ukoll, minn dan ix-xhud, li sa fejn jaf hu ma kinitx saret telefonta mir-rikorrenti fil-gurnata li kellha l-incident[22].

Illi din il-kwistjoni tax-xoghol giet appuntata ghal-21 ta' Jannar, 2013, u li sussegwentment giet differita ghat-8 t'April, 2013, u dan wara li kien sar rikors sabiex tigi riappuntata l-kawza quddiem dan it-Tribunal. Jigi rilevat li din il-kwistjoni tax-xoghol giet differita *sine die* u dan sakemm giet deciza il-kawza kriminali kontra r-rikorrenti li kien hemm quddiem il-Qorti tal-Magistrati, liema kawza giet deciza fis-7 ta' Novembru, 2012.

Illi fis-seduta tat-8 t'April, 2013, xehdet r-rikorrenti Priscilla Falzon fejn bdiet biex qalet kif dahlet mas-socjeta` ntimata u li kienet ghallmet hafna pustiera ohra li kienu dahlu warajha. Ix-xhud spjegat il-mod kif sehhew l-eventi dakinhar tat-30 ta' Gunju, 2008, fejn qalet li hija kienet tbati hafna b'irkoppitha u dakinhar kienet regghet faqghet. Minhabba f'hekk ir-rikorrenti ma setghetx timxi u ghalhekk ma setghetx tqassam l-ittri.

Ir-rikorrenti spjegat li kienet ilha tbati bl-ugiegh tal-irkoppa ghal madwar erba' snin u kienet qieghda tistenna li tigi mibdula l-ghadma (*bone replacement*). Ix-xhud sostniet li dakinhar tal-incident hi kienet qieghda xoghol tqassam l-ittri meta faqqghet l-irkoppa u bdiet tipprova

[21] Seduta 11 ta' Jannar 2010 – Xhieda in kontro-ezami ta' Joseph Gafa`.

[22] Ibid.

ccempel l-ufficcju u meta dawn it-tentattivi rrizultaw fin-negattiv hi cemplet ukoll lis-*senior* taghha, u li ukoll ma rrispondiex ghal dawn it-telefonati[23].

Ix-xhud kompliet tixhed billi qalet li meta rat hekk hija cemplet lil missierha u li dan mar ghaliha u gabarha. Ix-xhud sostniet li hi kienet ghamlet certifikat mediku liema certifikat inhareg mit-tabib Dr. Michael Farrugia M.D. (M.P.) fejn iccertifika li r-rikorrenti kellha bzonn jumejn mistrieh.

Ix-xhud sostniet li kien ghad fadliha madwar ghoxrin ittra xi tqassam izda t-tabib Farrugia insista sabiex ma tkomplix taghmel strapazz lill-irkoppa. Ir-rikorrenti irrilevat li l-ghada hi hassietha tajjeb u dahlet lura ghax-xoghol xorta wahda u dan alavolja kellha certifikat ta' jumejn mistrieh. Illi dakinhar li regghet dahlet hi kient se taghti c-certifikat mediku lill-principal taghha izda dan qalilha sabiex tistenna ftit peress li ried iqassam ix-xoghol lill-kollegi taghha. In oltre kull darba li kienet tmur sabiex taghti dan ic-certifikat lill-principal dan jghidilha sabiex tistenna. Ix-xhud qalet li l-irkoppa regghet faqqghet u waqghet fuq kannestru u ttiehdet l-emergenza peress li s-sitwazzjoni kienet gravi[24].

Ix-xhud sostniet li kien wara li dahlet mill-*injury leave* li kienet giet infurmatha li kienet tkecciet u meta hi saqsiet ir-raguni l-ghaliex, ir-ripsota kienet minhabba l-ghoxrin ittra li ma kinitx qassmet. Ir-rikorrenti insistiet li hi kienet halliet dawn l-ittri fejn jidhru u mhux mohbija bl-intiza li jitqassmu. Ix-xhud irrilevat li dak il-hin tal-incident kien hemm hafna nies quddiemha pero` ma tafx min kienu, izda kienet qaltilhom li hemm ix-xoghol tal-gurnata ta' qabel li ried jitqassam[25].

Ix-xhud spjegat li dawn l-ittri halliethom fuq dan id-*desk* fejn hemm zewg garzelli li jsir l-issortjar tal-ittri. In oltre, x-xhud qalet li apparti l-ghoxrin l-ittra giet akkuzata ukoll li kien hemm zewg ittri b'dati precedenti u li f'dawn id-dati x-xhud kienet bil-leave, b' wahda mid-dati tkun is-sebgha u ghoxrin (27) ta' Gunju. Ix-xhud spjegat li hi gieli hadmet ukoll ic-*Central Mail Room* u meta x-xoghol jkun is-Sibt, x-xoghol jigi ssortjat u jitqassam it-Tnejn izda jkun ittimbrat bid-data tas-Sibt u cioe` ta' jumejn qabel[26].

Ix-xhud ghalqet ix-xiehda taghha billi sostniet li fi tnax-il sena qatt ma kellha problemi u li meta kienet applikat ghal *senior administrator,* u kif ukoll sabiex tidhol tahdem gewwa minhabba l-problema ta' sahha li kellha, hi qatt ma giet accettatha.

Ix-xhud semmiet li kienet tressqet quddiem zewg bordijiet ta' dixxiplina u li kienet assistita mill-Unions. Ix-xhud qalet li l-argument taghha ma kienx accettat u li baqghet fuq il-post tax-xoghol sakemm kien irritorna mis-safar, l-Ufficjal Kap Ezekuttiv (C.E.O.) Joseph Gafa`. In oltre, x-xhud qalet li hi giet mressqa quddiem il-Qorti Krminali u li kienet giet liberata mill-akkuzi.

Fi-seduta tas-sbatax (17) ta' Marzu, 2014, xehed missier ir-rikorrenti, Emanuel Falzon, fejn spjega li dakinhar tal-incident kien ircieva telefonta minghand bintu, r-rikorrenti, u nfurmatu b'dak li

---

[23] Seduta 22 ta' April 2013 – Xhieda tar-rikorrenti Priscilla Falzon.
[24] Seduta 22 ta' April 2013 – Xhieda tar-rikorrenti Priscilla Falzon.
[25] Ibid.
[26] Ibid.

kien gralha. Ix-xhud qal li kien hu stess li hadha ghand it-tabib, Dr. Michael Farrugia M.D (M.P.), sabiex tigi kkuratha. Ix-xhud sostna li l-imsemmi tabib kien irrakkomanda lir-rikorrenti sabiex ma tistrappazzax l-irkoppa. In oltre, it-tabib Farrugia hareg certifikat tas-*sick leave* ukoll.

Ix-xhud spjega li l-ittri li kellha r-rikorrenti xi tqassam kien zammhom hu fil-basket tal-istess ittri u dan peress li l-posta kienet lahqet ghalqet peress li kien sar l-hin. Kien ghalhekk li hu zamm il-basket tal-ittri. Ix-xhud sostna li r-rikorrenti kienet inkwetat hafna minhabba l-ittri li ma kienux tqassmu[27].

Illi fis-seduta tal-24 t'Ottubru, 2016, gie pprezentat affidavit tat-tabib l-Onorevoli Ministru, Dr. Michael Farrugia M.D. mir-rikorrenti, Priscilla Falzon li kkonferma c-certikat mediku datat 30 ta' Gunju, 2008, kien inhareg minnu[28].

## Trattazzjoni Finali

It-trattazzjoni finali ta' dan il-kaz saret fis-seduta tal-10 t'Ottubru, 2017, u d-difensur tas-Socjeta` ntimata, Dr. Andrew Borg Cardona beda biex irrileva l-importanza tat-tqassim tal-posta fil-hin. In oltre, s-socjeta` ntimata ghandha regolutar, ossia Malta Communictaions Authority li tissorvelja l-operat taghha. Illi d-difensur tas-socjeta` Maltapost p.l.c. sahaq li r-rikorrenti naqqset minn dan kollu u li b'dak li ghamlet u dan billi halliet l-ittri li kellhom jitqassmu minnha fil-*locker*, poggiet li s-socjeta` ntimata f'nuqqasijiet mall-klijenti taghha. Nuqqas minnhom kien li ma saritx konsenja fil-hin tal-ittri u cioe` s-sistema ta' J+1, u t-tieni nuqqas, ossia s-salvagwardja tal-posta u dan peress li l-ittri spiccaw f'idejn pustiera li ma kinitx waqt il-hin tax-xoghol. L-avukat difensur sostna li dan huwa ksur tal-gurament da parti tar-rikorrenti.

In oltre r-rikorrenti ma tkeccietx ghax wegghet fuq il-post tax-xoghol izda ghax naqset mid-doveri taghha u cioe` li ma kkonsenjatx il-posta fil-hin. Dan kollu, skont l-avukat difensur Dr. Borg Cardona, hareg minn process dixxiplinarju li ghaddiet minnu r-rikorrenti.

L-avukat difensur argumenta li s-sekwenza tal-fatti u cioe` l-iskuzi l gabet ir-rikorrenti waqt il-process ta' dixxiplina ma kinux kredibbli. Id-difensur tas-socjeta` ntimata nsista li n-nuqqas tar-rikorrenti kien li ma nfurmatx lis-superjuri taghha fi zmien propizju dwar dak li gara lilha. In oltre, l-avukat Borg Cardona sostna li hadd mill-persuni li r-rikorrenti allegat li cemplet ma kellhom xi *missed calls* minn taghha[29].

Mill-banda l-ohra d-difensur tar-rikorrenti, Dr. Lydia Abela bdiet it-trattazzjoni taghha fejn sahqet li r-rikorrenti ma kinitx instabet hatja fil-kawza kriminali mill-Qorti Kriminali. In oltre, d-difensur tar-rikorrenti rrilevat li filwaqt li kienet taqbel ma' dak li kien semma' l-avukat Borg Cardona u cioe` li kien hemm ittri li ma kinux tqassmu, cio nonostante ma kinitx taqbel fuq id-data tas-27 ta' Gunju u dan peress li r-rikorrenti kienet bil-*leave*.

[27] Seduta 17 ta' Marzu 2014 – Xhieda ta' Emanuel Falzon.
[28] Seduta 24 ta'Ottubru 2016 – Dok. P.F 01/09 – Affidavit, Onor. Dr. Michael Farrugia M.D.
[29] Trattazzjoni Finali Av. Andrew Borg Cardona – Seduta 10 ta' Ottubru 2017.

L-avukat difensur sostniet li skont ir-regolament tal-ftehim kollettiv ghall-haddiema tal-posta hemm indikat li biex haddiem tal-posta jigi mkecci b'nuqqas lejn is-socjeta` Maltapost p.l.c. dan irid ikun ma qassamx l-ittri b'mod intenzjonat, ossia volontarjament. Id-difensur sostniet li fil-kaz odjern zgur li ma huwiex il-kaz u dan stante l-kundizzjoni ta' sahhet l-istess rikorrenti[30].

Illi fis-sitwazzjoni tar-rikorrenti Dr. Abela sostniet li ma kienx il-kaz u dan peress li r-rikorrenti zgur li ma kinitx ma qassmitx l-ittri ghax hekk kien ghogobha jew bi traskuragni taghha. Id-difensur tar-rikorrenti sostniet li dak li gara kien minhabba l-incidenti li kellha.

Dak li gara lir-rikorrenti kien li wegghet waqt li kienet qieghda tqassam l-ittri u li kif ukoll meta regghet dahlet ghax-xoghol u waqghet fuq xi *trays* u kellha ttitiehed l-isptar ghall-kura. Illi skont id-difensur tar-rikorrenti dan m'huwiex komportament volontarju li naqset minn dmirha, izda kienu c-cirkostanzi ta' sahhitha li ma ppermettewx li tkompli bid-doveri taghha.

In oltre, d-difensur tar-rikorrenti rrimarkat l-inkonsistenza tax-xiehda ta' Rose Abela u cioe` d-diversi ragunijiet kontradittorji li tat dwar il-ghaliex r-rikorrenti ma qassmitx l-ittri fosthom li ma kinitx thallset tal-*overtime*.

Illli d-difensur tar-rikorrenti sostniet li l-provi tar-rikorrenti kienu juru bic-car li kienet ippruvat tinforma lis-superjuri taghha. Ir-rikorrenti ma kinitx f'pozizzjoni minhabba sahhitha li tiehu azzjoni mmedjata u kien ghalhekk li talbet lil missierha sabiex jigborha minn fuq il-post tax-xoghol. In oltre, d-difensur tar-rikorrenti rrimarkat li r-rikorrenti qatt ma kienet inghatat xi twissijiet (*warnings*) mis-socjeta` ntimata dwar xi nuqqas taghha kemm kien ilha mpjegata mall-Maltapost p.l.c.

Mill-banda l-ohra d-difensur tas-socjeta` ntimata rribatta billi ssottometta li mhux dak li gara garax minhabba l-volontarjata` da parti tar-rikorrenti izda jekk ir-rikorrenti b'dak li gralha kienx jimpediha li taghmel id-dover taghha u cioe` li tinforma lis-superjuri taghha.

**Konsiderazzjoniet tat-Tribunal Industrijali**

Illi l-kaz in dezamina jittratta sitwazzjoni fejn ir-rikorrenti Priscilla Falzon u li hija mpjegata bhala pustiera ma' Maltapost p.l.c. kellha incident fit-30 ta' Lulju, 2008, meta kienet qieghda tqassam l-ittri fil-Mosta. Illi stante l-fatt li kienet faqghet l-irkoppa x-xellugija, r-rikorrenti ma setghetx tkompli bil-qadi ta' dmirijietha.

Illi min-naha taghha r-rikorrenti baqghet isostni li hi ghamlet minn kollox sabiex taghmel kuntatt mas-superjuri taghha permezz tat-telefon izda rrizulta kollox fin-negattiv, u dan peress li s-superjuri taghha ma wiegbux t-telefonati tar-rikorrenti.

[30] Trattazzjoni Finali Av. Lydia Ellul – Seduta 10 ta' Ottubru 2017.

In oltre r-rikorrenti kienet kostretta li ccempel lil missierha sabiex tkun tista' tmur ghall-kura medika. Di piu', meta r-rikorrenti regghet irritornat ghax-xoghol hija rega' kellha ncident simili fejn waqghet fuq xi trays u kellha ttiehed l-isptar ghall-kura.

Mill-banda l-ohra s-Socjeta` ntimata argumentat li r-rikorrenti naqset mid-doveri taghha u sahansitra kisret il-gurmament tal-posta u dan minhabba l-fatt li kienet halliet xi ittri li ma kinux tqassmu minnha. Is-Socjeta` ntimata thoss li dan it-tip ta' komportament da parti tar-rikorrenti jikkonsisti ukoll f'reat kriminali u li fil-fatt r-rikorrenti tressqet quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Bhala Qorti ta' Gudikaturi Kriminali), liema decizjoni giet ukoll appellata. Illi fiz-zewg istanzi r-rikorrenti ma nstabitx hatja.

Illi r-rikorrenti ghaddiet minn process ta' dixxiplina nterna min-naha tas-Socjeta` ntimata minhabba l-agir taghha li wassal ghat-terminazzjoni tal-impjieg taghha minn mas-Socjeta` ntimata.

Illi dan it-Tribunal jinnota illi l-allegat ksur tar-regolamenti tal-posta da parti tar-rikorrenti, Priscilla Falzon, jimporta ukoll agir kriminali u ghalhekk it-Tribunal ma jistax ma jaghmilx analizi tas-sekwenzi kronologici ta' kif sehhew dawn l-eventi.

Illi fix-xhieda taghhom l-partijiet involuti f'din il-kwistjoni tax-xoghol taw verzjonijiet dijametrikament opposti. Min-naha tal-ufficjali tas-Socjeta` ntimata gie rilevat li r-rikorrenti kienet negligenti u dan peress li ma kinitx avzathom bl-incident u sahansitra li seta' ukoll kien hemm xi ntenzjonjiet ulterjuri peress li l-istess rikorrenti ma kinitx thallset ghal xi *overtime* li kienet ghamlet fil-passat.

Da parti tar-rikorrenti gie rilevat li ghamlet l-almu taghha sabiex tavza lis-superjuri taghha peremezz tat-telefon izda hadd ma kien irrisponda ghat-telefonati taghha. In oltre, r-rikorrenti kellha ncident iehor fuq il-post tax-xoghol u kienet ittiehdet l-isptar mill-*Assistant Manager* Ms. Rosaria Abela.

Illi wara li gie skopert li kien hemm ittri li ma kinux tqassmu mir-rikorrenti s-Socjeta` ntimata kienet bdiet proceduri ta' dixxiplina fil-konfront tar-rikorrenti u li sussegwentement l-impieg tar-rikorrenti gie tterminat.

Illi t-Tribunal ihoss li la l-allegat ksur tal-gurament tal-posta hu meqjus daqshekk gravi u li jimporta proceduri kriminali, s-Socjeta` ntimata messha kienet kawta u tistenna l-ezitu tal-proceduri kriminali.

Illi l-awtur Norman Selwyn dwar dawn l-istanti jirrileva li:

> "It is particularly important to conduct a fair investigation and test the evidence of an accuser where there could be serious consequences to the employee – in *Salford Royal NHS Foundation Trust vs Roldan* dismissal could have meant deportation. An employer should also investigate allegations of dishonesty involving breach of trust with care. In Stuart v

> London City Airport it was unreasonable that the employer did not look into the evidence which might have shown that the employee was not dishonest. There is no particular form of procedure to be adopted, as long as the employee is given a fair hearing (*Bentley Engieering Co v Misty*). If it is necessary to consider an investigation in advance of criminal proceedings, it is possible to discuss the matter without prejudicing a fair trial (*Harris (Ipswich) Ltd v Harrison*), and a decision may be made on the basis of known facts even though the employee has been advised to remain silent. If the evidence produced is sufficiently indicative of guilt (in the absence of any explanation) the employer is entitled to take some action. **If, however, there are doubts, fairness may require the employer to wait until the criminal proceedings have been concluded (*Harris and Shepherd v Courage (Eastern) Ltd*)**[31]. The employer has a wide discretion on whether to continue with or postpone disciplinary hearings if the employee's conduct is also investigated by the police (*Secretary of State for Justice v Mansfield*).[32]"

Illi tenut kont ta' dan il-bran johrog car li hemm similitudni mall-kwistjoni odjerna. Ir-rikorrenti ghaddiet minn proceduri nterni izda fl-istess istanti kienet qieghda tkun investigata mill-pulizija dwar l-allegati reati ai termini tal-Att dwar is-Servizz Postali (Kap 254) tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi t-Tribunal ma jistax ma jikkonsidrax dan il-fatt hekk importanti ghall-kwistjoni odjerna. In oltre, l-istess Socjeta` ntimata kellha tiehu in konsiderazzjoni dan il-fatt u dan stante li kien hemm l-impieg ta' haddiema minn taghha fin-nofs.

Il-ksur ta' regolamenti tal-posta huma reati ta' certu gravita` u ma ghandhomx jittiehdu b'mod legger specjalment meta l-akkuzat jista' jehel pieni horox. Is-Socjeta` ntimata ma kinitx koretta li istitwit proceduri ta' dixxiplina meta kienet ghaddejja nvestigazzjoni kriminali kontra r-rikorrenti.

Illi kif hemm ritenut fil-bran hawn fuq citat, is-Socjeta` ntimata messha stenniet l-ezitu tad-decizjoni finali tal-Qorti tal-Magistrati u sussegwentement tal-Qorti tal-Appell qabel hadet kwalsiasi decizjoni ta' tkeccija fil-konfront tar-rikorrenti.

Illi t-Tribunal ihoss li r-rikorrenti ma ghamlet xejn b'malizia jew sabiex tqarraq izda dak li gara, gara biss minhabba c-cirkostanzi li sabet ruhha fihom ir-rikorrenti.

Cio nonostante mill-banda l-ohra t-Tribunal jinnota li l-unika nuqqas da parti tar-rikorrenti kien li meta din irritornat ghax-xoghol kellha l-obbligu li tinforma b'mod immedjat lis-superjuri taghha dwar il-fatt li kien ghad fadal ittri x' jitqassmu, liema istanti qieghed ikollu effett fuq il-kumpens li se tinghata.

---

[31] Emfasi tat-Tribunal.

[32] Selwyn's Law of Employment 19th Edition – Astra Emir, Oxford University Press (2016) – p.349 -350.

## Kumpens

Illi ghaldaqstant ghar-ragunijiet moghtija hawn fuq bhala kumpens it-Tribunal, wara li ha in konsiderazzjoni z-zmien li r-rikorrenti ghamlet minghajr impjieg u kif ukoll in-nuqqas taghha ghall-fatt li ma infurmatx fil-pront lis-superjuri taghha dwar posta li ma kinitx giet ikkonsenjata, qieghed jordna lis-Socjeta` ntimata sabiex thallas kumpens fl-ammont ta' sitt elef Ewro (€6,000) lir-rikorrenti Prscilla Falzon, liema somma ghandha tithallas fi zmien xahar mid-data tad-decizjoni odjerna.

Ghall-finijiet ta' Avviz Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal qieghed jistabilixxi d-drittijiet tar-rapprezentanti legali tal-partijiet fl-ammont ta' €93.17c ghal kull rapprezentant legali.

Ghalhekk tintemm din il-kwistjoni ta' xoghol.

(Iffirmat)
**Avv. Geoffrey Vella**
**Chairman**

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**